MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 733/2005

**Smash Communications Limited**

**vs**

**Malta Communications Authority**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Awissu, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja ta' stazzjon televizziv bl-isem ta' SMASH TV. F'dan is-sens ukoll is-socjeta' attrici giet assenjata wiehed mill-ghaxar 'channels' ezistenti senjatament 'channel 44';

Illi dan kollu jemergi mill-licenzja mahruga mill-Broadcasting Authority li jinstab hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

Illi meta s-socjeta' attrici inghatat l-licenzja taghha t-teknologija kienet tali fejn ix-xandir setghat biss issir permezz tas-sistema tal-'analogue';

Illi illum t-teknologija avvanzzat u hemm mezz ferm aktar effikaci u modern ta' kif ghandu jsir tali xandir cioe' bis-sistema digitali;

Illi ghandu jinghad ukoll illi skond il-ligi senjatament l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (Kap 399) sas-sena elfejn u ghaxra (2010) ix-xandir premezz tal-'analogue' ser jkollu jieqaf, u b'hekk ghad li s-socjeta' attrici hija detentrici ta' licenzja valida, din mhux se tkun tista xxandar aktar wara dik id-data;

Illi attwalment l-Awtorita konvenuta ghandha a dispozizzjoni taghha numru ta' frekwenzi li tista talloka pero' deherilha li kellha talloka biss frekwenzi lill-'service providers' fosthom il-Multiplus u l-Maltacom;

Illi s-socjeta' attrici kienet minn ta' l-ewwel fost l-istazzjonijiet televizivi li xtrat l-apparat u attrezzat ruhha sabiex xxandar b'mod digitali u fil-fatt din kienet diga' bdiet ixxandar b'dan il-mod bi prova pero' giet imwaqqfa mill-Awtorita konvenuta;

Illi s-socjeta' attrici qeghda tinsisti illi tinghata frekwenza izda s'issa l-Awtorita konvenuta qeghda tirrifjuta illi taghmel dan u fil-fatt is-socjeta' attrici hasset ruhha kostretta li tippreffigi terminu sad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju ghar-risposta minghand l-Awtorita konvenuta hekk kif muri mid-dokumnet hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'B' u dina xorta baqghet inadempjenti;

Illi minhabba l-agir tal-Awtorita konvenuta, s-socjeta' attrici qeghda issofri prgudizzju kbir hekk kif ser jirirzulta mit-trattazzjoni ta' dina l-kawza;

Illi s-socjeta' attrici thoss illi dan kollu jmur kontra l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi l-Awtorita konvenuta qeghda tiddezisti b'mod irragjonevoli milli takkorda frekwenza lis-socjeta' attrici halli dawn ikunu jistghu jixxandru bit-teknologija gdida cioe' b'mod digitali;

Talbet lill-awtorita konvenuta tghid ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi dina l-kawza prevja illi tiddikjara illi bl-agir taghha l-Awtorita konvenuta qed tagixxi b'mod irragjonevoli u dan kontra l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-istess Awtorita sabiex fi zmien prefiss minn din l-Qorti talloka s-socjeta' bi frekwenza;

Bl-ispejjez u rapprezentanti tal-Awtorita konvenuta minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-awtorita konvenuta li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi preliminarjament ic-citazzjoni odjerna hija nulla peress illi s-socjeta' attrici naqset milli ssegwi l-procedura mfassla fl-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond din il-procedura, qabel ma ntavolat il-kawza odjerna, s-socjeta' attrici kienet tenuta skond il-ligi li l-ewwel tinnotifika lill-Awtorita konvenuta b'ittra ufficjali fejn fiha tfisser it-talbiet jew pretenzjonjiet taghha b'mod car. Illi minn dan kollu pero' ma sar xejn u l-Awtorita konvenuta minflok giet mal-ewwel notifikata bil-kawza odjerna.

Illi preliminarjament ukoll in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi s-socjeta' attrici, fil-konfront tat-talbiet kif dedotti kontra l-Awtorita konvenuta, kellha ghad-disposizzjoni taghha rimedji ohra skond il-ligi biex tikkontesta eghmil amministrativ ta' l-Awtorita konvenuta, illi skond il-Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta din il-kawza, jekk xejn, kellha tingieb mis-socjeta' attrici quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-komunikazzjonijiet. Illi

s-socjeta' attrici naqset milli tipprevalixxi ruhha minn din il-fakolta fiz-zmien moghti lilha fil-ligi;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-Awtorita konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur stante li l-mertu proprju tal-kawza odjerna m'huwiex l-agir ta l-imsemmija Awtorita izda l-'policy' tal-Ministeru ghall-Kompettitivita u Komunikazzjoni;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' attrici naqset li tispecifika a tenur tal-Artikolu 469A(1) tal-Kap. 12, liema dispozizzjoni ta' dak is-subartikolu l-Awtorita konvenuta qieghda allegatament tikser;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost ir-raguni li nghatat mis-socjeta' attrici ghall-allegat ksur tal-artikoli 469A tal-Kap. 12 u cioe' illi "l-Awtorita konvenuta qeghda tiddezisti b'mod irragonevoli milli takkorda frekwenza lis-socjeta' attrici" (ara l-ghaxar paragrafu tac-citazzjoni odjerna) zgur illi ma tinkwadrax fost id-disposizzjonijiet limitati ta' l-Artikolu 469A (1) tal-Kap. 12;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost ghadhom ma ddekorrewx xahrejn mid-data ta' l-ittra pprezentata bhala 'Dokument B' mis-socjeta' attrici fic-citazzjoni odjerna biex l-allegat inadempiment min-naha ta' l-Awtorita konvenuta (ara tmien paragrafu tac-citazzjoni odjerna) jkun jista' jigi kkunsidrat bhala 'eghmil amministrattiv' ai termini tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12;

Illi ghall-kuntrarju ta' dak li tghid is-socjeta' attrici fic-citazzjoni odjerna (ara l-hames paragrafu) il-ligi, b'mod partikolari Kap. 399, imkien ma tghid illi x-xandir permezz tal-analogue se jkollu jieqaf wara s-sena elfejn u ghaxra (2010);

Illi ghalkemm is-socjeta' attrici hija detentrici ta' licenzja ghax-xandir (ara Dokument A anness mac-citazzjoni odjerna), tali licenzja hija limitata ghax-xandir permezz ta' l-'analogue'. La din il-licenzja u l-anqas ebda disposizzjoni legali ohra ma taghti lis-socjeta' attrici ebda

dritt li tippretendi li tinghata d-dritt ta’ uzu ta’ frekwenza digitali, jew ta’ parti minnha;

Illi l-Awtorita konvenuta fil-konfront tat-talbiet tas-socjeta attrici dejjem aggixxiet skond il-ligi u b’mod ragonevoli u ekwu;

Illi l-Awtorita, bhala amministratrici tal-frekwenza tar-radju, hija fil-fatt legalment obbligata li tirrispetta l-procedura stabbilita mill-Policy and Implementation Strategy (hawn anness bhala Dok MCA 1) f’dak li huwa assenjazzjoni tad-dritt ta’ uzu ta’ frekwenzi digitali. L-agir ta’ l-Awtorita fil-kuntest de quo huwa konformi ma l-imsemmi policy u l-ligijiet li fuqhom huwa mfassal;

Illi dan kollu gie ribadit fir-risposta datata d-19 ta’ Lulju 2005 li ntbaghtet mill-Awtorita konvenuta ghall-ittra tas-socjeta’ attrici annessa bhala “Dokument B” mac-citazzjoni odjerna u dan ghall-kuntrarju ta’ dak allegat mis-socjeta’ attrici fic-citazzjoni odjerna (ara t-tmien paragrafu tac-citazzjoni odjerna.)

Illi s-socjeta’ attrici mill-bidu nett kienet mgharrfa bil-procedura li kienet ser tigi adottata f’dak li ghandu x’jaqsam ma l-assenjazzjoni tad-dritt ta’ uzu ta’ frekwenza digitali stante li l-imsemmi policy gie ppubblikat u dan wara konsultazzjoni pubblika li ghaliha wiegbet anke s-socjeta’ attrici. Ghalhekk l-ispejjez kollha li qed tghid li ghamlet is-socjeta’ attrici in konnessjoni max-xandir digitali (ara s-seba’ paragrafu tac-citazzjoni odjerna) ghamlithom hi minn rajha u ghandha terfa’ r-responsabbilta taghhom hi biss.

Illi kienet is-socjeta’ attrici illi minn rajha naqset milli tapplika biex tigi assenjata d-dritt ta’ uzu ta’ dawk il-frekwenzi li fil-fatt gie assenjat lil terzi.

Illi l-process ta’ l-assenjazzjoni tad-dritt ta’ uzu ta’ frekwenzi huwa mfassal taht il-Kap. 399 tal-Ligijiet ta’ Malta (b’mod partikolari Taqsima IV) u taht ir-Regolamenti ta’ l-2004 dwar Networks u Servizzi ta’ Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali) (A.L. 412 ta’ l-2004). Illi s-socjeta’

attrici naqset li tispecifika liema disposizzjoni tal-Ligijiet amministrati mill-Awtorita konvenuta l-istess Awtorita allegatament naqset li tosserva. Illi l-Awtorita konvenuta tirriserva d-dritt li twiegeb ulterjorment meta u jekk is-socjeta' attrici telabora dwar dan il-punt.

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati kemm fil-ligi u fil-fatt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-Awtorita konvenuta;

Il-Qorti rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici tat-3 ta' Novembru, 2006;

Il-Qorti rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-Awtorita konvenuta tal-20 ta' Dicembru, 2006;

Il-Qorti rat illi l-kawza giet imhollija ghall-lum ghall-provvediment dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-Awtorita konvenuta.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta hija fis-sens illi ic-citazzjoni odjerna hija nulla peress illi s-socjeta' attrici naqset milli ssegwi l-procedura mfassla fl-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond din il-procedura, qabel ma ntavolat il-kawza odjerna, s-socjeta' attrici kienet tenuta skond il-ligi li l-ewwel tinnotifika lill-Awtorita konvenuta b'ittra ufficjali fejn fiha tfisser it-talbiet jew pretenzjonjiet taghha b'mod car. Illi minn dan kollu pero' ma sar xejn u l-Awtorita konvenuta minflok giet mal-ewwel notifikata bil-kawza odjerna.

Illi dwar din l-ewwel eccezzjoni il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet "Ian Zammit vs Awtorita ta' l-Ippjanar" fejn gie deciz illi l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghandha personalita` legali distinta u kapaci sabiex legalment tidhol f'kull

kuntratt u taghmel l-affarijiet kollha hemm indikati u illi r-rappresentanza taghha hija vestita fic-Chairman u l-istess Awtorita` ghandha l-poter li tinnomina wiehed jew aktar mill-membri ufficjali jew impjegati taghha sabiex jidhru f'isimha u flokha f'xi procedimenti fejn l-Awtorita` tkun parti fihom jew xi att, kitba, kuntratt, jew dokument iehor ikun liema jkun.

Minn din is-sentenza hareg car ukoll illi l-Awtorita ta' l-Ippjanar hija enti legali u ghandha personalita` guridika distinta indipendenti li tagixxi tramite l-funzjonarji taghha inkluz tarmite d-Direttur ta' l-Ippjanar.

Ikkunsidrat :

Izda din is-sentenza fuq imsemmija bl-ebda mod ma trattat il-meritu ta' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta u ghalhekk bir-rispett kollu kien zbaljat l-abbli difensur tas-socjeta' attrici illi ikkwota din is-sentenza b'anologija sabiex jirribatti l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi bhala stat ta' fatt mhux kontestat mis-socjeta' attrici illi l-istess socjeta' attrici naqset illi taghmel ittra ufficjali jew protest kif rikjest mill-Ligi. Izda s-socjeta' attrici tikkontendi illi l-Awtorita konvenuta ma hiex koperta taht l-ebda wahda mit-tlett kategoriji imsemmijia fl-Artikolu 460 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Izda f'dan ir-rigward huwa minnu illi l-Qrati taghna b'mod kostanti dejjem irritennew illi l-Awtoritajiet pubblici bhalma hija l-Awtorita konvenuta l-ewwel iridu jigu notifikati b'ittra ufficjali jew protest kif rikjest mill-imsemmi artikolu 460 (1) tal-Kap. 12 u f'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghall-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet "George Xuereb nomine vs Joseph Kenely nomine Citazzjoni Numru 149/95" (vide ukoll sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority tad-29 ta' Mejju 1997, sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-ismijiet "Ersilia Bigeni et noe vs Victor Sultana et" tas-27 ta' Ottubru, 1998 u

sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “Arleen Barlow noe vs M. R. Properties et” tal-1 ta’ Awissu, 1997.

Ikkunsidrat :

Illi in ezami tas-sentenza ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Jannar 1996 fl-ismijiet “George Xuereb nomine vs Joseph Kenely nomine” irrizulta illi ghalkemm l-Awtorita ta’ l-Ippjanar mhijiex il-gvern u lanqas ma hi awtorita imwaqqfa bil-Kostituzzjoni, il-kwistjoni hi jekk min jidher f’isem l-Awtorita ta’ l-Ippjanar ghandux kariga pubblika, jew, anzi, jekk l-istess awtorita ghandhiex kariga pubblika.

Illi permezz ta’ din is-sentenza il-Qorti iddecidiet illi l-Awtorita ta’ l-Ippjanar ghandha kariga pubblika u kienet imharrka f’din il-kwalita taghha ghaliex ma ghandha ebda kwalita ohra.  Il-Qorti ghalhekk laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine u billi l-proceduri kienu inbdew hazin peress illi ma kienitx saret l-ittra ufficjali kif jipprovdi l-Artikolu 460 tal-Kap. 12, helset lill-konvenut mill-harsien tal-gudizzju.

Illi ghandha ragun l-Awtorita konvenuta tissottometti illi jirrizulta illi l-Awtorita konvenuta hija Awtorita pubblika u taghmel parti integrali tas-servizz pubbliku bhala l-awtorita pubblika responsabbli ghas-settur tal-komunikazzjoni. Effettivament, l-Awtorita hija kostitwita permezz ta’ strument legislattiv u fil-qadi tal-funzjonijiet taghha, l-istess socjeta’ hija soggetta ghad-direttivi li l-Ministru responsabbli ghas-settur jista minn zmien ghal zmien jaghmel.  L-Awtorita ghandha obbligu legali li issegwi l-policies kif imfassla mill-Ministru kif jirrizulta mill-Artikolu 61 tal-Kap. 418 tal-Ligijiet ta’ Malta u jekk l-Awtorita tonqos milli thares xi ordni li tinghata skond l-Artikolu 63 tal-Kap. 418 il-Prim Ministru jista jaghmel ordni li biha jitrasferixxi lill-Ministru ghal kollox jew biss f’parti xi funzjoni jew funzjonijiet tal-Awtorita.

Illi l-Artikolu 4 tal-Kap. 418 jelenka l-funzjonijiet u l-oggettivi tal-Awtorita li minn natura taghhom huma funzjonijiet illi hi biss bhala Awtorita pubblika tista taghmel.

Illi wkoll mill-Artikoli 14 et seq tal-Kap. 418 l-infieq ta’ l-Awtorita huwa soggett fost ohrajn ghas-sorveljanza tal-Ministru kompetenti, l-awdituri tal-Gvern u l-parlament.

Illi ghalhekk jidher illi l-Awtorita konvenuta ghandha kariga pubblika u kienet imharrka f’din il-kwalita taghha ghaliex ma ghandha l-ebda kwalita ohra.

Illi lanqas ma ghandha ragun is-socjeta’ attrici meta tissottometti illi riferenza ghal ‘persuna’ fl-artikolu 460 (1) tal-Kap. 12 hi ghal persuna naturali u mhux ghal persuna guridika.

Ghandha ragun l-awtorita konvenuta tissottometti illi ai termini tal-artikolu 4 (d) tal-Kap. 249 ‘l-espressjoni persuna’ tinkludi ghaqda jew korp iehor ta’ persuni, sew jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ikunu persuna guridika jew jekk le.”

Illi ukoll l-artikolu 460 tal-Kap. 12 ma jaghti l-ebda tifsira ghall-kelma ‘persuna’.

Illi ghalhekk il-kelma ‘persuna’ kif uzata fl-Artikolu 460 (1) tal-Kap 12 tinkludi ukoll persuna guridika.

Il-Qorti ghalhekk tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta u billi dawn il-proceduri inbdew hazin peress illi s-socjeta’ attrici naqset illi issegwi l-procedura imfassla fl-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress illi qabel ma intavolat il-kawza odjerna ma innotifikatx lill-Awtorita konvenuta b’ittra ufficjali fejn fiha fissret it-talbiet jew pretenzjonijiet taghha b’mod car, tehles lill-Awtorita konvenuta mill-harsien tal-gudizzju.

Illi una volta li qeghda tintlaqa l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta illi qeghda tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju, ma hemmx il-htiega illi l-Qorti tiddeciedi wkoll it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-Awtorita konvenuta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------